MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 483/2013

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Cassar)

vs

**Stephania Grech**

bint Louis, imwieleda Pieta', fl-4 ta' Dicembru, 1971, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 18372(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Stephania Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'Haz-Zabbar, nhar l-24 ta' Lulju, 2002, ghal habta tat-3.00 p.m. u fil-granet ta' qabel din id-data:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja tal-minuri bintha Shantelle Camilleri tal-eta' ta' disa' snin, f'periklu car, hebbet ghaliha bi xkupa u tatha diversi daqqiet biha, fejn permezz ta' hekk ikkagunatilha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, u cioe' fuq il-kappell ta' ghajnejha, liema offiza hija ta' natura gravi, u liema ferita gabet maghha sfregju gravi u permanenti fil-wicc taghha, u dan skont ma ccertifika l-espert nominat mill-Qorti Dr Mario Scerri MD;

2. meta kellha r-responsabbilta’ tal-imsemmija Shantelle Camilleri tal-eta’ ta’ taht it-tnax-il sena, b’atti persistenti ta’ ghemil jew ta’ nuqqas ta’ ghemil, haqritha jew gieghlet jew ippermettiet il-mohqrija taghha b’mezzi simili;

3. bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet illi fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lill-imsemmija Shantelle Camilleri kontra l-volonta’ taghha;

4. b’diversi atti maghmulin minnha, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, sawtet ripetutament lill-istess Shantelle Camilleri u tatha diversi daqqiet ta’ ponn, ta’ sieq u anke b’diversi oggetti ohra iebsa fuq diversi partijiet ta’ gisimha, u b’konsegwenza ta’ hekk ikkagunatilha diversi feriti ohra ta’ natura hafifa, skont ma ccertifika l-espert nominat Dr Mario Scerri MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat
Artikoli 18, 214, 216, 217, 218, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil Stephania Grech hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u ikkundannatha ghal piena karcerarja ta’ sentejn (2) sospizi ghal erba’(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti applikat kontra taghha l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ikkundannatha ghal hlas ta’ nofs l-ispejjez peritali ammontanti ghal €346.15.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephania Grech tas-6 ta’ Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tiriforma s-sentenza appellata billi tirriformaha in kwanti lliberatha mit-tielet akkuza u thassarha u tirrevokha billi tillibera mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra taghha.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponenti tikkontendi li f'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett, qabdet il-pilastri tal-kamp penali, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-ezami tal-provi u l-gradi ta' prova li kull

parti ghandha tilhaq biex tirnexxi d-difiza taghha u qalbithom ta' taht fuq. Illi in succint dan iwassal lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex terga taghmel apprezzament tal-provi kompilati f'dawn l-atti. Issa l-esponenti a skans ta' ripetizzjoni fis-sentenza finali tal-principju li solitament l-apprezzament ma' jigix disturbat u li l-Qorti tal-Appell mhux Qorti ta' rivizjoni, taf b'dana kollu, izda bid-dovut rispett l-appellanti tikkontendi li meta l-apprezament li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti jkun skorrett b'mod manifest allura l-Qorti ta' l-Appell ghandu jissindika mill-gdid dak li gie ezaminat in kwantu ta' prova quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-kwistjoni kollha hija wahda kumplessa u naxxenti hafna minn l-element li min ghandu jiggudika ghandu f'kazijiet bhal dawn fejn jidhlu tfal ta' eta zghira, japplika hafna l-element uman u dak il-buon sens mehtieg biex jifhem, a distinzjoni milli jissimpatizza b'emozjoni l-hazen, il-manuvri, il-komportament u l-imgieba ta' ulied imqarbin bhal ma' kienet Shantelle Camilleri minhabba li l-genituri taghha kienu qed jirriskontraw diffikultajiet kbar fil-hajja matrimonjali taghhom. Illi bazikament it-tifla tat zewg verzjonijiet u cioe', inizjalment meta hija kellha relazzjoni hazina ma' ommha l-appellanti, dina ddeskriviet lil ommha bhala xi 'mostru' li kienet qed tahqarha u ssawwata ripetutament. Illi wara u mat-trapass tal-kawza, meta t-tifla rrangat id-differenzi li kellha mal-appellanti, it-tifla harget bil-verzjoni li di fatti x-xeba tal-24 ta' Lulju 2002 kienet sofrietha a skapitu ta' huwa Tyron Camilleri, li da parti tieghu wkoll ta' dina l-istampa meta ddepona. Illi rinfaccjata b'sitwazzjoni bhal din, l-Ewwel Qorti kien imissha fehmet li kien ovju li t-tifla konvenjentement kienet qed tistrada l-istorja ta' hajjitha b'mod konvenjenti hafna u perikoluz hafna b'mod li tinkrimina lil min jidrilha hi skont dak iz-zmien ma' minn ikollha l-ahjar relazzjoni. Illi ghal min ghandu l-esperjenza tal-hajja f'sitwazzjonijiet infelici bhal dawn, fi tfal li jkunu ghaddew minn dak li ghaddiet minnhom il-minuri involuta, dan it-tip ta' 'behaviour' huwa komuni hafna.

Illi issa 'una volta' li l-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'dan ix-xenarju, kien imiss, illi wiehedjara dak li huwa stabilit u cioe' li biex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha hija kellha tasal sal-grad tal-prova ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Illi l-esponenti tikkontendi li jekk l-Ewwel Qorti verament ma' emnietx lit-tlfla f'dak li xehdet it-tieni darba li xehdet u cioe' li d-daqqiet sofriethom minn huwa, alumenu pero' l-Qorti kellha xorta wahda tillibera lill-esponenti minn kull akkuza ghaliex altru milli f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni waslet sal- grad rikjest mill-ligi biex tigi misjuba htija. Ikun oltragg tal-gustizzja li omm, bit-tajjeb u il- hazin taghha, tigi misjuba hatja ta' akkuzi hekk serji semplicement ghaliex it-tifla qisha metaforikament ghasfur tal-ghana, tkanta fejn l-izjed issib bnazzi!

Illi inoltre mhux biss izda l-ezercizzju li jrid isir, huwa anke wiehed marbut mal-jiem tal-24 ta' Lulju 2002 u il-granet ta' qabel. Donnu li l-Ewwel Qorti dan il-qafas ta' zmien ma' tatx kazu u qabdet 'carte blanche' tindaga l-esponenti x'setghet ghamlet hazin li jaqa' fil-parametri tal-akkuzi dedotti kontra taghha. Illi ghalhekk l-esponenti tikkontendi li hija kellha tigi liberata minn l-akkuzl kollha dedotti kontra taghha.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-15 ta' Jannar, 2014.

Illi dan il-każ oriġinarjament miġjub kontra l-akkużata, kif ukoll Natalino Xuereb, jittratta akkużi ta' feriti gravi kontra Shantelle Camilleri li hija bint l-akkużata, moħqrija, sekwestru ta' persuna u swat fuq medda taż-żmien kontra l-istess u b'hekk bl-applikazzjoni tar-reat kontinwat u dan skont kif ċertifikat mit-tabib Mario Scerri. Kemm l-appellanta Grech, kif ukoll Natalino Xuereb, instabu ħatja ta xi wħud jew fil-maġġoranza tal-akkużi miġjuba kontrihom senjatament fil-każ ta' Grech tal-akkużi kollha bl-eċċezzjoni tas-sekwestru ta' persuna filwaqt li fil-każ ta' Xuereb hu nstab ħati ta' feriti ħfief flok dawk gravi filwaqt li ġie liberat mill-bqija. Il-Qorti kkundannat lil Stephanie Grech għall-piena ta' priġunerjia ta' sentejn sospiżi għal erbgħa snin u għal ħlas tal-ispejjeż peritali ammontanti għal €346.15. Fil-waqt, Natalino Xuereb ġie kkundannat iħallas multa ta' €500 u għal nofs l-ispejjeż peritali kif hawn fuq indikati u dan apparti l-applikazzjoni tal-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' Stephanie Grech u l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-każ ta' Natalino Xuereb.

Illi dan l-appell ġie ntavolat biss minn Stephanie Grech u b'hekk minn issa 'il quddiem ser issir referenza biss għal dak li jikkonċerna lilha waħedha.

Illi l-appellanta qed tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata fuq il-mertu tal-każ u dan minħabba l-fatt li peress li Shantelle Camilleri bidlet il-verzjoni tagħha u allura tat żewġ verżjonijiet kontrastanti għal xulxin ifisser li l-ewwel Qorti ma setgħatx issib lil Stephanie Grech ħatja konsiderando li b'tali ċirkonstanza l-prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad tal-prova rikjest mill-liġi u ċioe' dak ta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Illi wara qari akkurat tad-dokumentazzjoni kollha fl-atti proċesswali l-esponent iwieġeb kif ġej:

Illi preliminarjament jinghad li meta l-Qorti tkun qed tisma' u tagħrbel il-provi quddiemha hi tkun qed tanalizza mhux biss dak li qed jinghad iżda anki l-komportament tax-xhud u dan skont l-artikolu 637 kif ipprospettat fil-Kodiċi Kriminali. In oltre, mill-qari biss tas-sentenza mogħtija lanqas ma wieħed jista' jgħid li hawnhekk si tratta dwar xhud waħedha li jekk emnuta tkun biżżejjed skond l-artikolu 638 u dan peress li kien hemm xhieda oħra fosthom dawk mediċi li ddeponew u li kkoroboraw it-teżi ta' bint l-akkużata Shantelle Camilleri meta xehdet l-ewwel darba.

Illi huwa minnu wkoll li l-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni hija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni iżda ma jfissirx li l-ewwel Qorti kienet tenuta li tillibera lill-akkużata għax Shantelle ddeponiet diversi snin wara fejn waqt dik id-deposizzjoni bidlet il-verzjoni tagħha. Irridu nqisu li din ix-xhieda ngħatat meta Shantelle kellha kważi tmintax-il sena u kellha tarbija tagħha stess apparti li r-relazzjoni tagħha ma ommha kienet ferm itjeb milli meta xehdet u meta allegatament seħħew dawn l-inċidenti. Skont dak li jirriżulta meta xehdet it-tieni darba Shantelle allegat li dak li kienet xehdet dwar ommha oriġinarjament ma kienx minnu allavolja fl-istess nifs u fuq mistoqsija tal-Qorti tgħid li ma kinitx qed tigdeb. Di piu', il-Qorti setgħet tagħżel liema verżjoni temmen fid-dawl ukoll tal-bqija tax-xhieda li ddeponew u il-fatt waħdu li nħolqot verżjoni oħra ma jfissirx li dan għandu jmur a benefiċċju awtomatikament tal-akkużata qua l-appellanta.

Illi tajjeb allura li nagħtu daqqa ta' għajn ta' x'inhuma dawn il-provi u dan bi sfond tad-deposizzjoni ta' Shantelle stess li hija l-protagonista ta' dawn l-inċidenti kif ukoll tal-mertu ta' dan l-appell.

Illi meta tat l-ewwel deposizzjoni tagħha[1] Shantelle Camilleri kellha biss ħdax il-sena (11). Meta xehdet fehmet lill-Qorti li kien hemm inċident meta ommha kienet sawtitha b'lasta ta' xkupa u kienet qalat daqqa f'għajnejha l-leminija apparti li kienet sofriet diversi ġrieħi oħra b'partijiet differenti ta' ġisimha. It-tifla minn jedda wkoll tirreferi għal drabi oħra meta ommha kienet sawwtitha u dan b'referenza għall-ġrieħi li kienet subiet u li kienet qed turi lill-Qorti fil-mument tad-deposizzjoni tagħha. Fost il-feriti kienet anki soffriet *black eye* wara li ommha allegatament tatha daqqa ta' ponn f'għajnejha l-leminija wkoll. Milli jidher dakinhar

[1] Folio 12 tal-atti proċesswali et seq.

tal-24 ta' Lulju, 2002 meta kienet qalat id-daqqa ta' xkupa ommha kienet tatha diversi daqqiet u mhux daqqa waħda biss. Effettivament, Shantelle tagħti anki spjega għal x'seta' wassal għax-xebgha li qalat u dan b'ċertu dettal fejn anki tirreferi għal nies oħra li kienu fid-dar meta' seħħ dan kollu. Allegatament, meta Shantelle kellha tmur il-Poliklinik biex tagħmel il-punti f'għajnejha kienet stqarret li kienet weġġħet għajnejha billi ħabtitha ma rħama. Ma kinitx semmietlu l-ġrieħi l-oħra u dan fuq struzzjonijiet ta' ommha. Jidher illi s-swat li subiet it-tifla kien konness ma tindif fid-dar li kienet tagħmel hi stess u li skont ommha ma kienx qed isir sew. Dan dejjem skont dak allegat minn Shantelle. Jidher ukoll li meta marru s-*social workers* tat-tifla jumejn wara l-inċident ommha kienet ġabitilhom l-istess skuża tal-irħama allavolja skont it-tifla meta s-*social workers* kelmuha waħedha hi qaltilhom dak li verament kien seħħ. Allavolja l-Qorti staqsiet lill-vittma dwar l-inċidenti fejn kienet subiet dawn l-abbużi Shantelle għamlet referenza partikolari għall-inċident tal-lasta ta' xkupa kif ukoll għall-inċident fejn subiet *black eye* madwar tlett xhur qabel. It-tifla stqarret ukoll li hi kienet tigdeb fuq il-feriti li subiet u dan peress li ommha kienet tgħidilha ma tgħid lil ħadd. Kif ukoll peress li Shantelle kienet tibża li jekk tgħid il-verita' taqla' daqq'oħra. Jidher ukoll meta murija ritratti tagħha kif meħudin mit-tabib Dr. Mario Scerri li Shantelle ddistingwiet bejn feriti kkaġunati minn ommha u oħrajn li ma kienux u fejn ma kinitx ċerta dan qalitu wkoll. Stqarret li qatt ma ppruvat taħrab mid-dar għax jekk kienet tiġi biex terġa tirritorna kienet taqlagħha agħar imbgħad wara. Irriżulta wkoll li omm l-akkużata stess kienet irrapurtat lil bintha qua l-appellanta tant illi Shantelle kienet spiċċat l-istitut ma ħuwha Tyron. Ikkonfermat ix-xhieda li kienet tat quddiem Dr. Stefano Filletti fejn irreferiet għat-tip ta' swat li kienet subiet taħt idejn ommha u żiedet magħhom waqt id-deposizzjoni li tat lill-Maġistrat u li taqbel fis-sustanza mad-deposizzjoni kollha mogħtija fil-21 ta' Novembru, 2003. Ikkonfermat ukoll li ġieli ġġieldet ma ħuwha Tyron u kienu jagħtu bl-idejn u bl-imħadded apparti li xi tbengil seta' kien ikkaġunat minn dak l-istess ġlied ma ħuwha.

Jidher ukoll li kienu saru rapporti dwar il-komportament tal-akkużata fil-konfront ta' bintha meta kienu jisimgħu lil Shantelle tgħajjat bl-uġiegħ meta kienet qed taqla d-daqqiet mingħand ommha u liema persuni ma ġewx mitkellma minn Shantelle Camilleri dwar dak li kien qed jiġri. Dan fil-fatt ikkonfermat minn Shantelle fix-xhieda tagħha stess[2]. Jidher ukoll li kienu

[2] Folio 14 tal-atti proċesswali.

daħħlu xi rapporti anonimi dwar dan is-swat li kien qed isir fil-konfront ta' Shantelle minn ommha qua l-appellanta[3].

Illi meta xehed Dr. Stefano Filletti hu kkonferma r-rapport tiegħu li kien ibbazzat fuq din l-ewwel verzjoni ta' Shantelle kif ukoll ta' Malcolm Tortell u Louise Eminyan li kienu l-psikoloġi mill-Appoġġ u minn dak li qalulu kien hemm suspett li omm Shantelle kienet responsabbli għall-ġrieħi li kienet ġarbet bintha.

Meta xehed l-ispettur Cassar u ikkorobora dak li stqarret Shantelle fit-testimonjanza tagħha quddiem il-Qorti fis-sens li hi kienet tahtom l-istess verzjoni meta kelmuha mal-arrest ta' ommha. Jikkonferma wkoll il-ħruġ ta' *care order* fil-konfront tagħha minħabba dawn l-abbużi kollha. Eżebixxa wkoll l-istqarrijiet tal-akkużata fosthom dik datata fis-16 ta' Ottubru, 2002 fejn tindika l-ġrieħi li soffriet Shantelle li ġew ikkaġunati meta kienet qed tirtokka l-ħajt u waqgħet mis-sellun....fatt negat minn Shantelle fix-xhieda tagħha. Grech semmiet ukoll li meta waqgħet ħabtet għajnejja mal-irħama li hija l-istess skuża li Shantelle kienet tat lit-tobba li nvistawlha għajnejha.

Illi meta xehdet omm l-appellanta, is-sinjura Doris D'Amato, stqarret li Shantelle ġieli ċemplitilha fejn ilmentat magħha li ommha kienet qed taħqarha, issawwatha jew tħalliha waħedha ma ħuha ż-żgħir. Ikkonfermat li anki rat b'għajnejha lil Stephanie Grech issawwat lil uliedha fosthom Shantelle u ikkonfermat hi stess li kienet qed tħallihom waħedhom ukoll. Skont din ix-xhud meta kkonfrontat lil bintha fuq Shantelle u li kien ġralha hi kienet ikkonfermat li kienet żbaljat f'li kienet għamlet u ċioe' l-appellanta kkonferma li kienet sawtet lil bintha, ma' ommha stess. Ikkonfermat ukoll li t-tifla kienet imsawwta in konnessjoni ma faċċendi fid-dar li allegatament ma kinitx qed tagħmilhom sew biżżejjed. Hi da parti tagħha fil-fatt stqarret ukoll li kienet għamlet diversi rapporti lill-pulizija li skont hi ma kienux qed jemnuwha.

Illi meta xehed Dr. Mario Scerri hu bazikament ikkonkluda li Shantelle kellha diversi ġrieħi fosthom *peri-orbital haematoma* fuq l-għajn il-leminijia li kienu saru madwar jumejn qabel l-eżami tiegħu fuqha u li kienu kompattibbli ma *blunt trauma* bħal daqqa ta' ponn. Kellha wkoll tbenġil ieħor iktar antik li kien seħħ madwar għaxart ijiem qabel u abrazjonijiet friski.

[3] Folio 135 tal-proċess.

Dawn kollha kienu meqjusa ta' natura ħafifa ħlief ta' għajnejha li x'aktarx kienet ser tħalli marka viżibbli u permanenti f'wiċċha. L-espert ikkonkluda li mill-assjem tal-ġrieħi diversi li rriskontra Shantelle kienet ġiet '*suġġetta għal trauma fisika kontinwa u mhux sempliċiment inċident ta' darba. Illi ċertament dawn il-lesjonijiet mhux kompattibbli ma trauma aċċidentali*'[4].

Illi meta xehed Malcolm Tortell[5] li huwa psikologu li jaħdem l-Aġenzjia Appoġġ ikkonferma li kienet daħlet telefonata anonima fis-26 ta' Lulju, 2002 minħabba l-inċident li kien seħħ u li jifforma l-mertu ta' dan il-każ. Hu fil-fatt mar fuq il-post flimkien mal-kollega tiegħu Louise Eminyan fejn fetħitilhom Shantelle stess fejn għal bidu Stephanie qaltilhom li t-tfal ma kienux hemmhekk u dan allavolja kienet fetħitilhom Shantelle. Ikkonferma l-ġerha li kellha fuq għajnejha fejn omm Shantelle reġgħet ġabet l-iskuża tas-sellun u tal-waqa' minnha meta fil-fatt ħabtet għajnejha. Igħid ukoll li kien hemm żewġ ġirien preżenti meta kien hemm hu u li bdew jagħmlu mossi fis-sens li dak li kienet qed tgħid l-appellanta ma kienx minnu. Tkellmu ma Shantelle quddiem ommha fejn hemmhekk tat l-istess verzjoni ta' ommha iżda meta kellmuha waħedha tathom il-verzjoni li tat lil din il-Qorti. Tortell eżebixxa r-rapport li hu kien għamel dwar dak l-inċident li jinstab a folio 198 tal-atti proċesswali. Dawn il-fatti ġew ikkonfermati wkoll minn Louise Eminyan meta tat ix-xhieda tagħha li tinstab a folio 260 et seq.

Illi meta xehdet l-ex kuntistabbli 177 Audrey Harrison[6] ikkonfermat li kien daħal rapport anonimu u li kienet marret fuq il-post fejn irriskontrat it-tifla Shantelle li kellha diversi tbenġil fuq il-persuna tagħha fosthom punti f'għajnejha. Meta staqsewha x'kien ġara kienet ġabitilhom l-iskuża tal-waqa' mis-sellum iżda meta kellmuha waħedha qaltilhom dak li kien seħħ fil-verita' u kif fil-fatt iddeponiet il-Qorti.

Illi mix-xhieda ta' Jesmond Vassallo a folio 360 tal-proċess jidher li kkonferma l-inċident li kien seħħ dak inhar u li Shantelle kienet feruta f'għajnejha u li kellha d-demm ħiereġ minn rasha fejn allavolja ma rax l-inċident iseħħ u ikkonferma li l-appellanta kienet ħarġet tiġri

[4] Folio 192 mix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri a folio 190 tal-proċess b'referenza għar-rapport tiegħu a folio 47 tal-PV.

[5] Xhieda a folio 190 u 266 tal-atti proċesswali.

[6] Folio 303 et seq tal-proċess.

wara bintha u kellha l-lasta ta' xkupa f'idejha li kienet mimlija demm. L-appellanta riedet ukoll li hu jieħu lil Shantelle l-isptar, ħaġa li hu rrifjuta li jagħmel peress li hi kienet bintha u mhux bintu. Ikkonferma wkoll li kien jgħix hemmhekk għal xi xhur u li l-appellanta kienet issawwatha lil bintha f'okkazzjonijiet oħrajn ukoll.

Mix-xhieda ta' Jacqueline Vassallo a folio 366 jirriżulta illi hi tiġi mart Jesmond Vassallo u għamlu xi żmien joqgħodu għand Stephanie Grech, fatt ikkonfermat minn Shantelle fl-ewwel deposizzjoni tagħha. Ikkonfermat li Stephanie kienet ġieli sawtet lil Shantelle u li dan kien fatt magħruf lill-ġirien ukoll. Ikkonfermat li kellha d-demm dakinhar tal-inċident u li Stephanie riedet li Jesmond Vassallo joħodha l-poliklinik li hu rrifjuta li jagħmel dan għal raġunijiet kif diġa msemmija f'din ir-risposta. Semmiet ukoll inċidenti oħra fejn l-appellanta kienet sawtet lil bintha li jkomplu jikkoroboraw dak li xehdet il-minuri. Fil-fatt xehdet li s-swat kien ilu għaddej partikolarment fuq Shantelle u Tyron għal raġunijiet ta' tindiff kif xehdet Shantelle.

Illi fit-2 ta' Lulju, 2012 Shantelle reġgħet telgħet tixhed f'liema żmien kienet ser tagħlaq tmintax il-sena u f'liema perijodu kienet qed tgħix ma' ommha u waqt liema żmien anki saret omm. Bazikament Shantelle hawnhekk biddlet il-verzjoni li kienet tat oriġinarjament billi qalet li ommha ma kinitx issawwatha u li kienet qalet hekk għax kienet tgħir għal kunjom ta' ħutha. Il-ġrieħi li subiet kienu kkaġunati mill-ġlied li kellha ma ħuwha fejn reġgħet stqarret li hi kienet waqgħet mis-sellum u ħabtet għajnejha ma rħama meta kellha bżonn il-punti. Stqarret li kien hemm id-demm mal-lasta tal-iskupa għax ommha bdiet tferfer din il-lasta għax kienet qed tinkwieta fuq li kien ġara lil Shantelle. Skont Shantelle fil-fatt l-appellanta kienet ippruvat twaqqfilha d-demm. Ix-xhud stqarret li kienet ivvintat inċident biex titlaq mill-istitut sabiex terġa tmur lura għand ommha. Hi disposta li taħfer lil ommha u żiedet li hi u ommha ma jitkellmux fuq dan il-każ bejniethom. Stqarret pero' fuq mistoqsija tal-Qorti li ma kinitx qed tigdeb meta xehdet quddiem il-Qorti disa' snin qabel u waqt l-inkjesta.

Illi allura wara dan ir-riassunt tal-maġġor parti tal-provi miġjuba l-esponent issibha diffiċli tifhem iktar l-argumenti tad-difiża ta' Grech. L-ewwel Qorti għażlet kif għandha kull dritt li temmen l-ewwel deposizzjoni ta' Shantelle Camilleri u hija mhux biss ferm aktar veritiera mid-depozizzjoni tagħha mogħtija diversi snin wara iżda hija wkoll ikkoroborata mix-xhieda ta' ħaddieħor inkluż tal-esperti. B'kull rispett l-ewwel Qorti kellha mitt elf raġun li tilħaq il-konklużjonijiet li laħqet u dan anki wara li Shantelle bidlet il-verzjoni tagħha daqstant żmien

wara meta fl-istess nifs qed tgħid li ma kinitx ġidbed meta' xehdet oriġinarjament u meta nafu li issa hi u ommha qua l-appellanta rranġaw l-affarijiet ta' bejniethom u qed jgħixu flimkien u dan wara li l-istess Shantelle kellha tarbija tagħha wkoll. Evidentement, Shantelle fit-tieni deposizzjoni tagħha fejn kumbinazzjoni reġgħet irrepetiet l-iskuża oriġinali tal-ġerha subita fuq għajnejha donnha qed tipprova ttaffi r-riperkussjonijiet li dan il-każ kien ser ikollu fuq ir-relazzjoni bejnha u bejn ommha li wara kollox dejjem kienet mixtieqa minnha iżda li qatt ma kienet relazzjoni xierqa. In oltre, huwa wkoll indikattiv li l-prosekuzzjoni permezz ta' dawn il-provi laħqet il-grad rikjest mill-liġi ta' provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant l-esponent hija tal-opinjoni illi l-aggravji fl-appell fit-totalita' tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-appellanta fir-rikors taghha titkellem dwar tfal imqarba bhal ma kienet bintha Shantelle. Min imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta li din it-tifla kienet imqarba. Kienet bhal tfal ohra ta' l-eta' taghha b'differenza. L-appellanta kienet tippretendi minghandha li din it-tifla ta' disa' snin tnaddfilha d-dar minn fuq sa isfel. Veru wiehed ma jistax ighid li din it-tifla kellha tfulija bhal t-tfal l-ohra ta' l-eta' taghha. Huwa veru li Shantelle offriet zewg versjonijiet lill-Qorti izda ghandu jigi rilevat li fit-tieni xhieda taghha kien qed jipprevali l-buon sens taghha li kemm jista' jkun ma rieditx taghmel hsara lil ommha. Dan jirrizulta car meta fuq domanda tal-Qorti li meta kienet izghar gidbitx, hi rrispondiet li le.

Illi l-versjoni moghitja minn l-appellanta ta' kif sofriet il-griehi ma hi kredibbli xejn. Meta din il-Qorti fliet fir-reqqa r-rapport tat-tabib Dottor Mario Scerri u rat ir-ritratti ezebiti fl-atti ta' dan il-process hu car li kien hemm 'system of conduct' punittiv da parti tal-appellanta fil-konfront ta' bintha Shantelle. Dan il-fatt hu ppruvat ukoll mix-xhieda tal-konjugi Vassallo u tar-rapporti anonimi li kienu jsiru lill-pulizija u lill-Agenzija Appogg.

Illi frankament, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tas-sitwazzjoni li kellha quddiemha u kwalunkwe kumment iehor hu zejjed. Din il-Qorti jasal biex tghid li l-ewwel Qorti kienet ferm klementi mal-appellanti u probabilment dan sehh minhabba t-trapass ezagerat biex dan il-kaz jigi deciz. Tali dewmien, minghajr dubju, mhux dovut ghall-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' l-appellanti Stephania Grech u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------